# STORJA TAL-BANED KARKARIŻI

## mis-Sur Joe Zammit

### 1956

Wara li l-Kwestjoni tal-Ġust Patronat solviet ruħha, bdew biex isiru l-Kanonċi. Kienet saret festa kbira meta saru erba' Kanonċi f'daqqa. Dawn kienu Dun Ġwann Micallef, Dun Manwel Grech, Dun Anton Mallia Borg u Dun Pawl Gauci, tnejn minnhom mietu u tnejn għadhom ħajjin. Iż-żewġ baned Karkariżi kienu ħadu sehem f'din il-festa.[1]

Wara l-pussess tal-Kanonċi l-ġodda, iż-żewġ baned kienu stiednu lill-Kanonċi l-ġodda biex jifirħu flimkien. L-istedina fil-Każin tal-Banda Duke of Connaught kienet saret nhar it-22 ta' April. Fetaħ din il-festa il-President tal-Banda, it-Tabib Pawlu Borg Olivier billi għamel diskors ta' merħba lill-mistednin. Wara tkellem il-Prepostu Monsinjur Emm. Vella u l-President tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, Dr. Edgar Buhagiar. Tkellem ukoll il-President tal-Kumitat Ċiviku u l-President tal-Banda Sant'Elena. Fl-20 ta' Mejju saret l-istess festa fil-Każin tal-Banda Sant'Elena.[2]

F'din is-sena wkoll il-Prepostu Monsinjur Emm. Vella, flimkien ma' xi membri tal-Kapitlu, kienu għamlu żjara lill-Każin tal-Banda Sant'Elena. Kienet saret ukoll żjara lill-istess banda mill-Gvernatur Ġenerali Sir Robert Laycok u s-Sinjura tiegħu fil-25 ta' Ġunju.[3]

### 1957

Nhar il-festa tat-Tre Re, 6 ta' Jannar, il-Banda Duke of Connaught, kienet organizzat kunċert kbir vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Bażilika. Fost il-kantanti li kienu ħadu sehem kien hemm is-Sopran Hilda Mallia Tabone, it-Tenur Joe Zammit Harison u l-Kor tal-Ħamrun. F'dan il-programm kien iddeerieġa l-ewwel darba is-Surmast Karmelo Brincat. Il-programm kien infetaħ bis-Sinfonija Pastorali ta' E. Galea. Wara kompla bil-Marċ mit-Tanhoser ta' Wagner, l-Overture Armistice Day tas-Surmast Karmelo Brincat stess, I Gojjelli della Madonna ta' Wolf Ferrari, u Selezzjoni mit-Turandott. Il-Presidnet tal-Banda, it-Tabib Pawlu Borg Olivier, kien ippreżenta ċurkett tad-deheb lis-Surmast Karmelo Brincat bħala tifkira ta' din l-okkażjoni.[4]

F'din is-sena wkoll iż-żewġ baned kienu ħadu sehem fil-festi tal-Karnival. Il-Banda Duke of Connaught ippreżentat il-karru Rock N' Roll u l-Banda Sant' Elena bil-karru il-Kwadri ta' Picasso u Da Vinci. Il-Banda Sant'Elena kienet ħadet l-ewwel fil-maskeruni li kienu tassew tajbin ħafna.[5]

Fl-istess sena 1957, il-Banda Sant'Elena f'Awissu kienet laqgħet fil-każin tagħha lill-Monsinjur Servus Goyeneche li kien qed jagħmel żjara f'Malta. Kien milqugħ fil-każin bl-Innu tal-Papa u ċapċip ta' folla u mill-President tal-Każin l-Avukat Joe Fenech Adami. Wara li telgħu fuq il-Monsinjur kien ammira l-ġmiel tal-każin.[6]

### 1958

Meta Sir Anthony Mamo kien inħatar President tal-Qrati Maltin, kien sar festin f'ġieħu miż-żewġ każini tal-baned.[7]

### 1959

F'din is-sena kienet saret żjar importanti fil-każin tal-Banda Sant'Elena mill-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi. Din iż-żjara kienet saret fil-21 ta' Ġunju 1959.[7]

Fl-istess sena il-Banda Duke of Conaught kien ippreżentat lilha standard Ingliż u żewġ tazzi tal-fidda quddiem il-Bażilka fil-festa ta' Sant'Elena. L-istandard kien mogħti mill-Viċi-Presidnet tal-Banda, is-Sur Emm. Micallef u t-tazzi mgħotija mis-Sur J. Gauci u s-Sur C. Camilleri f'isem il-membri u ammiraturi tal-Każin. Wara li kien sar it-tberik tagħhom mill-Prepostu, il-Monsinjur Emm. Vella, kienu ippreżentati lill-President tal-Banda it-Tabib Pawlu Borg Olivier. Wara l-preżentazzjoni l-banda kinet daqqet l-ewwel sitt battuti tal-*God Save the Queen* u l-innu tal-banda taħt it-tmexxija tas-Surmast Karmelo Brincat u kompla l-marċ mat-toroq ta' Birkirkara.[8]

### 1960

Il-Ġimgħa 11 ta' Frar, kien miet l-ex Surmast tal-Banda Duke of Connaught, is-Sur Filippu Ciappara.

Filippu kien Karkariż, twieled fis-27 ta' Ottubru 1888, kien beda jistudja l-mużika ta' età ċkejkna għand is-Surmast Pawlu Debono. Kien idoqq mal-Banda ta' l-R.M.A. Fil-gwerra l-kbira huwa kien suldat mal-Kontinġent Kanadiż fi Franza u l-Belġju. Wara l-gwerra, meta ġie lura f'Malta, kienu avviċinawh biex idoqq mal-Banda Duke of Connaught taħt is-Surmast

Vincenzo Costa. Piju kif kien magħruf kien idoqq mal-Banda King's Own u ma' l-Orkestra tat-Teatru Rjal. Huwa kien nħatar is-suċċessur tas-Surmast Costa. Kiteb bosta marċi u bċejjeċ ta' mużika. Dan ix-xogħol huwa kien irregalah lill-Banda Duke of Connaught fl-1947. Il-Funeral tiegħu kien sar mill-knisja ta' San Pawl għall-Kolleġġjata ta' Birkirkata

Fil-Festi ċentenarji li kienu saru lill-Missierna San Pawl, is-Sibt 21 ta' Mejju, il-Banda Duke of Connaught kienet daqqet innu ġdid lill-San Pawl miktub mis-Surmast Karmelo Brincat u versi ta' Dun Frans Camilleri.[9]

Fl-istess sena fil-festi ta' għeluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba, l-istess banda kienet għamlet marċi u programm.

Din is-sena fil-ftit li kien fadlilha biex tintemm eżattament fit-30 ta' Diċembru, b'għafsa ta' qalb kbira kienet tħabbret il-mewt tas-Surmast Ġużeppi Busuttil. Il-ġurnata kienet il-Ġimgħa. Skond tagħrif mgħoti mis-Sur Ġużeppi Mallia, President Onorarju tal-Banda Sant'Elena, is-Surmast Busuttil x'aktarx li beda jmexxi l-Banda Sant'Elena fl-1925, flok is-Surmast Vincenzo Costa. Is-Surmast Busuttil kien wieħed mis-surmastrijiet ċelebri li kien hawn f'Malta u mexxa l-Banda Sant'Elena bl-akbar maestrja. Jien meta kont għadni tifel kont nammira 'l dan s-surmast fl-kunċert, u meta l-banda kienet tkun qed ddoqq u nisma' s-surmast "ieqfu" kont ngħid imma għaliex waqqafhom. Illum li kbirt nirrealizza li dan s-surmast kien ikun irid kollox eżatt.

Taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda Sant'Elena daqqet tlett darbiet f'Tunes b'suċċess kbir tant li kisbet bosta unuri. Is-Surmast Busuttil f'waħda minn dawn iż-żjajjar kien inħatar kavallier mill-Bay ta' Tunes. Fl-1928, għal festi ċentenarji ta' Santa Liena kien kiteb il-mużika taż-żewġ innijiet *Inno di Gloria a Sant Elena* u l-innu tal-banda *Liena Mqaddsa Imperatriċi* fuq il-versi tal-Kavallier is-Sur Ġużè Dimech Debono. Is-Surmast Busuttil kien kompożitur ta' bosta marċi u selezzjonijiet mużikali.

Fil-funeral tiegħu li kien sar mill-knisja ta' San Pawl tal-Wied għall-Bażilka, kienu ħadu sehem iż-żewġ baned ta' Birkirkara.[10]

## 1961

Fil-festa tas-Salib Imqaddes, is-Sur Pawlu Gauci li kien Viċi-President tal-Banda Sant'Elena, kien ippreżenta standard lill-istess banda. Dan kien tbierek mill-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi fost l-entużjażmu ta' l-ammiraturi.[11]

## 1962

Il-Ħadd 4 ta' Frar kien iċċelebrat "Jum il-Prepostu" f'għeluq il-25 sena tal-ħatra ta' Monsinjur Emm. Vella bħala Prepostu ta' Birkirkara.

Meta kien wasal fl-Każin kien milqugħ bl-Innu tal-Papa u ta' Santa Liena. Wara li l-mistednin kienu telgħu fis-sala tal-każin sar diskors ta' l-okkażjoni mill-President tal-Banda l-Avukat Joe Fenech Adami. Wara kien ippreżentalu ružetta għan-nom tal-Każin.[12]

## Referenzi


1. Leħen Birkirkara Progressiva Mar.–Mejju 1956.
2. Leħen Birkirkara Progressiva Mar.–Mejju 1956.
3. Programm tal-Festa Banda Sant'Elena 1991.
4. Leħen Birkirkara Progressiva Mejju 1957.
5. Leħen Birkirkara Progressiva Awissu 1957.
6. Leħen Birkirkara Progressiva Nov.–Diċ. 1957.
7. Leħen s-Sewwa 5-2-1958.
8. Programm tal-Festa Banda Sant'Elena 1992.
9. Il-Berqa, 21-8-1959.
10. Programm tal-Festa Banda Sant Elena 1992. Il-Berqa, 2-11-1961.
11. Il-Berqa, 6-5-1961.
12. Il-Berqa, 21-2-1962.